TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 149/17-F

**Simone Teresa Mary Cassar**

**vs**

**NG Racing**

Illum 8 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 ta' Settembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' erba' mitt ewro (€400), rappreżentanti prezz ta' mini moto li qatt ma ħadem u minkejja li ġie msewwi dejjem kien jispiċċa bil-ħsara, u għalhekk qed titlob il-flus lura.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi l-mini moto qatt ma ħadem minkejja li ġie msewwi diversi drabi, dejjem kien jispiċċa bil-ħsara u għalhekk qed titlob il-flus lura.

L-intimat issottometta illi t-tort tal-ħsarat huma tar-rikorrenti għax it-tifel kien ġera ħafna bih u għamlitlu l-ħsara.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-problemi f'dan il-mini moto bdew mill-ewwel hekk kif xtrah, u jidher li dan il-mini moto ma tgawdiex għax dejjem bil-ħsarat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) lir-rikorrenti, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-mini moto jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888